

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' ugwaljanza fit-ttrattament: filwaqt li l-Kummissjoni adottat approċċ strett fir-rigward tal-IPU (ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u żbalji proċedurali), dan ma għamlitx f'sitwazzjonijiet simili u f'deċizzjonijiet preċedenti dwar sustanzi li jagħtu lok għal preokkupazzjonijiet simili, u dan jikkostitwixxi ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-ttrattament u ta' nondiskriminazzjoni.
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità: billi ma għażlitx miżuri inqas stretti li kienu jilhq u l-istess għanijiet (pereżempju, approvazzjoni suġġetta għal kundizzjonijiet li għandhom jiġu evalwati fuq livell tal-Istati Membri jew approvazzjoni suġġetta għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni konfermattiva fuq livell tal-Unjoni, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1107/2009) u billi, minflok ma għamlet dan, ipprojbixxiet l-IPU, il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità.

- <sup>(1)</sup> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/872, tal-1 ta' Ġunju 2016, li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva isoproturon, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU 2016, L 145, p. 7).
- <sup>(2)</sup> Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlittiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU 2008, L 353, p. 1).
- <sup>(3)</sup> Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Ottubru 2009, dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU 2009, L 309, p. 1).

## Rikors ippreżentat fis-26 ta' Awwissu 2016 – Epsilon International vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-477/16)

(2016/C 402/58)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Epsilon International SA (Marousi, il-Greċja) (rappreżentanti: D. Bogaert u A. Guillerme, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

1) Fuq il-bażi tal-Artikolu 272 TFEU:

- tiddikjara li l-ammonti mħallsa mill-Kummissjoni Ewropea lil Epsilon taħt ftehimiet ta' sussidji BRISEIDE, i-SCOPE u SMART-ISLANDS jikkostitwixxu spejjeż eliġibbli u li Epsilon ma wettqitx żbalji ta' natura sistematika fit-twettiq ta' dawn il-ftehimiet;
- tiddikjara li t-talba għal rimbors tal-Kummissjoni tal-ammonti mħallsa taħt il-ftehim BRISEIDE hija totalment infondata u li ma għandhomx jiġu rimborsati lill-Kummissjoni Ewropea;
- tiddikjara li d-deċizzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea li jiġu sospiżi ħlasijiet relatati mal-ftehimiet ta' sussidji i-LOCATE, eENV-Plus, GeoSmartCity u c-SPACE huma infondati;
- tordna lill-Kummissjoni tirrimborsa l-ammonti mħallsa minn Epsilon biex twettaq awditi finanzjarji addizzjonali sabiex jiġu kkonfutati l-konstatazzjonijiet żbaljati tal-awdituri inkarigati mill-Kummissjoni u tikkumpensa d-dannu morali subit minn Epsilon, tevalwa provviżorjament fuq bażi *ex aequo et bono* għal EUR 10 000.

2) Fuq il-bażi tal-Artikolu 263 TFEU, tannulla d-deċizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tas-17 ta' Ġunju 2016 (ref. Ares (2016)2835215) li tirreġistra lil Epsilon fid-database tas-Sistema ta' Indivduwazzjoni u ta' Esklużjoni Bikrija (EDES).

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors ibbażat fuq l-Artikolu 272 TFUE, Epsilon tikkunsidra li l-konstatazzjonijiet imqajma mill-awdituri u approvati mill-Kummissjoni Ewropea relattivi għall-ispejjeż tal-persunal iddikjarati għat-tweqqi tal-proġetti BRISEIDE, SMART-ISLANDS u i-SCOPE huma żbaljati. B'mod iktar speċifiku, Epsilon targumenta li ma twettqet l-ebda irregolarità fir-rigward tas-sistema għar-reġistrazzjoni tal-ħin, is-siġhat produttivi u l-kalkoli tar-rata fis-siegħa, in-nuqqas ta' fatturi għal xogħol tal-proprjetarji u l-fatt li l-ftehimiet konklużi mal-konsulenti interni ma kinux ġew irreġistrati mal-Uffiċċju tat-Taxxa. Fi kwalunkwe każ, żbalji żgħar fit-tweqqi ta' dawn il-kuntratti ma jistgħux jitqiesu bħala żball ta' natura sistematika.

Barra minn hekk, Epsilon tikkontesta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tissospendi l-pagamenti għat-tweqqi tal-proġetti finanzjati mill-UE i-LOCATE, eENV-Plus, GeoSmartCity u c-SPACE u tikkunsidra li ma humiex fondati fid-dritt.

Fl-aħħar nett, Epsilon titlob kumpens finanzjarju għad-dannu materjali u morali subit minn Epsilon minħabba d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.

Insostenn tar-rikors ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, Epsilon titlob lill-Qorti Ġenerali tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirreġistra lil Epsilon fid-database tas-Sistema ta' Individwazzjoni u ta' Esklużjoni Bikrija (EDES), minħabba n-natura potenzjalment sistematika allegata tal-iżbalji mwettqa fit-tweqqi tal-proġetti msemmija iktar 'il fuq. Ir-rikorrenti tikkunsidra li din id-deċiżjoni tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità u d-drittijiet tad-difiża.

---

### **Rikors ippreżentat fit-30 ta' Awwissu 2016 – Lidl Stiftung vs EUIPO – Amedei (For you)**

**(Kawża T-480/16)**

(2016/C 402/59)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

### **Partijiet**

Rikorrenti: Lidl Stiftung & Co. KG (Neckarsulm, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Berger, M. Wolter, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Amedei Srl (Pontedera, l-Italja)

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tinkludi l-elementi verbali "For you" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 267 571

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-28 ta' April 2016 fil-Każ R 851/2015-5

### **Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tiċħad l-oppożizzjoni Nru B 2 342 452 imressqa kontra l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 12 267 571;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż;

— tikkundanna lill-intervenjenti għall-ispejjeż sostnuti matul il-proċedimenti quddiem l-EUIPO.